# QORTI TAL-APPELL

**IMHALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMHALLEF SILVIO CAMILLERI**
**ONOR. IMHALLEF TONIO MALLIA**
**ONOR. IMHALLEF JOSEPH AZZOPARDI**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha 24 ta' Novembru 2017**

**Numru 3**

**Citazzjoni numru 1770/99 SM**

**Avukat Tonio Azzopardi**

**v.**

**Ian Zammit A&CE**

**Il-Qorti:**

Rat l-att tac-citazzjoni li ressaq l-attur fit-2 ta' Awwissu 1999, li jaqra hekk:

> "Peress illi permezz ta' kitba intestata 'Development at Mongur Street, Gharb' ippubblikata fil-harga tal-25 ta' Lulju 1999 tal-gazzetta 'The Malta Independent on Sunday', il-konvenut Ian Zammit attribwixxa fatti determinati li huma foloz u malafamanti fil-konfront ta' l-istanti bl-iskop li jesponih ghad-disprezz u ghar-redikolu tal-pubbliku;
>
> "Peress illi l-istanti kien Chairman Surrogat tal-Kummissjoni Permanenti Kontra l-Korruzzjoni, flimkien ma' Dr Joseph A. Schembri

B.A., LL.D. u Dr Carmelo Testa B.A., LL.D. bhala Membri) li ddecidiet il-kaz meritu tal-kitba;

"U peress illi l-istanti bhala l-parti ingurjata u offiza ghandha d-dritt ghad-danni kontemplati fl-Artikolu 28 tal-Ligi ta' l-Istampa (Kap. 248 tal-Ligijiet ta' Malta);

"Jghid il-konvenut ghaliex:

"1. M'ghandux jigi ddikjarat u deciz minn din il-Qorti illi l-kitba surriferita hija libelluza u malafamanti fil-konfront ta' l-attur u li tesponih ghad-disprezz u r-redikolu tal-pubbliku; u

"2. M'ghandux jigi kkundannat ihallas lill-attur dik is-somma li tiffissa din il-Qorti f'ammont li ma jeccedix hamest elef lira (Lm5,000) bhala danni ghall-malafama b'applikazzjoni tal-Art. 28 tal-Ligi ta' l-Istampa.

"Bl-ispejjez kontra l-konvenut li huwa ngunt ghas-subizzjoni".

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenutipprezentata fl-14 ta' Frar, 2000, li permezz taghha gie eccepit is-segwenti:

"1. Illi fl-ewwel lok l-artikolu inkriminat mhux azzjonabbli mill-attur, ghax hu ma jissemmiex darba wahda biss fih b'ismu u l-kritika li saret saret fil-konfront tal-Kummissjoni Permanenti kontra l-Korruzzjoni u mhux kontra l-attur personalment u certament li l-attur zgur li ma kienx "easily identifiable to the average reader" kif tirrikjedi il-gurisprudenza in materia.

"2. Illi subordinatament u fil-mertu, l-artikolu inkriminat mhux libelluz jew ingurjuz, ghax il-fatti fih enuncjati huma sostanzjalment korretti u jikkontjenu biss dak li in subjecta materia jissejjah "fair comment" dwar materja ta' interess pubbliku.

"3. Fejn hemm xi kummenti jokuzi, dawn jallaccjaw mat-ton ta' artikoli ohra li inkitbu minn artikolisti ohrajn li ukoll kitbu biex jikkritikaw id-decizjoni tal-Kommissjoni Permanenti kontra l-Korruzzjoni, dwar liema artikoli l-attur ma deherlux li kellu jiehu passi ghall-ingurja u libell.

"4. Illi din l-azzjoni ta' libell saret b'mod selettiv u diskriminatorju kontra l-eccipjent u biex l-attur ipattilu ghal xi rapport dwar irregolaritajiet li ghandu l-istess attur fid-dar personali tieghu, li l-attur haseb li ghamillu l-eccipjent. Di datti li gie citat l-editur tal-gurnal fejn deher l-artikolu u inkriminat – haga li normalment dejjem issir u lanqas gew citati awturi ohra ta' kritika ferm aktar harxa li saret ghad-

decizjoni tal-Kummissjoni in meritu, u dan zgur li ghandu jirrifletti fil-mertu u fil-likwidazzjoni ta' xi danni li talvolta ikunu jridu jigu likwidati.

"5. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri".

Rat is-sentenza moghtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fil-21 ta' Marzu, 2013, li in forza taghha l-kawza giet deciza billi filwaqt li rrespingiet l-eccezzjonijiet tal-konvenut Ian Zammit, laqghet it-talbiet tal-attur u: (1) iddikjarat li l-kitba intitolata "*Development at Mangur Street, Gharb",* ippubblikata fil-harga tal-25 ta' Lulju, 1999, f'"*The Malta Independent on Sunday*" miktuba mill-konvenut Ian Zammit hi malafamanti u libelluza fil-konfront tal-attur Dr Tonio Azzopardi billi attribwiet fatti determinanti fuq l-attur li kienu foloz, u dan, bl-iskop li jesponuh ghad-disprezz u ghar-redikolu; (2) illi rigward il-kundanna issa hekk dovuta ghall-malafama ai termini tal-Artikolu 28 tal-Att dwar l-Istampa, Kap. 248, tal-Ligijiet ta' Malta, filwaqt li saret referenza ghad-decizjoni tal-Qorti tal-Appell fl-ismijiet **Vincent Borg v. Victor Camilleri et** datata l-15 ta' Novembru, tal-1994 fejn gie ritenut is-segwenti:

"Id-danni li ghandha tillikwida l-qorti ghall-hsara sofferta mill-atturi mhux soggetta ghal xi regoli bhal fil-kaz ta' danni reali kkontemplati fil-Kodici Civili. Il-ligi ta' l-Istampa thalli l-likwidazzjoni tal-kumpens fid-diskrezzjoni kompleta tal-gudikant b'limitu ta' elfejn Lira Maltin, (LM2,000.00), (liema limitu kien sussegwentement estiz ghall-ammont ta' hamest elef Lira Maltin, (LM5,000.00)".

(3) (i) li l-fatti allegati mill-awtur konvenut ma gewx ipprovati, anzi addirittura, irrizulta l-oppost; (ii) li l-lingwagg uzat mill-istess awtur konvenut mhux wiehed xieraq; (iii) l-istess awtur konvenut kompla juri l-animu negattiv tieghu fir-rigward tal-attur fuq indikat billi intavola rapport

fil-konfront tal-istess attur li wkoll irrizulta li ma kienx veritier; (iv) però bhala fattur mitiganti, ikkonsidrat ukoll it-trapass taz-zmien, (perjodu ta' erbattax–il sena), sal-konkluzjoni tal-vertenza in prim'istanza, perjodu assolutament inaccettabbli ghal kwaunkwe kaz, inkluz dak in dizamina, fejn tul dan il-perjodu kollu l-istima tal-attur, xorta wahda tirrizulta inattakkata; (v) ikkundannat ghalhekk lill-awtur konvenut Ian Zammit biex ihallas lill-attur Dr Tonio Azzopardi l-ammont ta' elfejn Euro, (€2,000.00); (vi) ikkundannat ukoll lill-istess konvenut biex ihallas l-ispejjez kollha tal-kawza.

Dik il-Qorti tat is-sentenza taghha wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

> "Illi l-lanjanza li permezz taghha l-attur Azzopardi hassu aggravat tista' tigi sintetikament esposta bil-mod segwenti:
>
> "1. Illi bil-kitba tal-konvenut Zammit fuq gia` riferita dan esprima s-segwenti:
>
> "i. Illi l-kompetenza tal-operaturi tal-Kummissjoni Permanenti kontra l-Korruzzjoni tirrigwarda "cows (and) bull", li fil-lingwa Ingliza tfisser aktar mit-tifsira litterali taghha;
>
> "ii. Illi di piu`, dawn naqsu jaghmlu xogholhom sew billi ma nterrogawx lil kull min seta' kien infurmat fil-kwistjoni;
>
> "iii. Illi ddecidew li l-bini in kwistjoni kien ha jkun ta' hsara ghall-baqar li kienu qed jitrabbew fil-fond adjacenti;
>
> "iv. Illi l-istess Kummissjoni wara wkoll sabet li l-Ministru, zewg "Chairman", id-Direttur tal-Izvilupp, erbgha spetturi tal-bini, il-Kumitat tal-Ghazla tal-Kamra tar-Rapprezentanti u l-Membri Nazzjonalisti tal-istess Kamra kienu ingarbuljati f'kospirazzjoni biex jopprimu u jweggghu lill-ahwa Agius hemm involuti;

"v. Illi biex waslet ghal tali konkluzjoni l-Kummissjoni in dizamina ramiet il-bahar il-principji tal-gustizzja naturali u semghu biss ix-xhieda moghtija mill-avukat tal-ahwa Agius;

"vi. Illi l-Kummissjoni lanqas imxiet fuq il-politika ppubblikata minnha stess li tirrikjediha li tinforma lil min ikun akkuzat li kien qed jigi nvestigat u tippermettilhom ikunu prezenti fil-proceduri kollha;

"2. Illi l-allegazzjonijiet ta' nuqqas procedurali u sostanzjali mill-istess Kummissjoni hu ghal kollox michud mill-Kummissjoni – specjalment f'dan il-kaz – mill-attur Azzopardi;

"3. Illi li jidher li gie censurat mill-istess kien biss l-agir tal-membri tal-"Enforcement Unit" tal-Awtorita` tal-Ippjanar, u dan, ghar-ragunijiet mill-Kummissjoni esposti fir-rapport taghha fir-rigward;

"4. Illi mhux minnu li l-Kummissjoni injorat il-principji tal-gustizzja naturali u strahet biss fuq ix-xhud indikat mill-artikolista;

"5. Illi effettivament l-attur isostni li fil-qadi ta' dmirijietha, l-Kummissjoni *de quo* imxiet kif gej:

"i. Illi l-ewwel infurmat lill-Awtorita` tal-Ippjanar li din l-Awtorita` kienet qed tigi nvestigata fuq kif mexxiet il-kaz in dizamina;

"ii. Illi l-istess Awtorita` kienet mitluba tkun prezenti tul l-investigazzjoni *de quo*, u dan, mhux biss tramite r-rapprezentant legali taghha li del resto kien prezenti tul investigazzjoni kollha, (ara fol 20);

"iii. Illi meta l-istess Awtorita` ntalbet tipprezenta x-xhieda taghha, l-impjegati kkoncernati ghazlu li jipprezentaw din permezz ta' affidavitijiet, u wara ntalbu jattendu ghall-kontro-ezami;

"iv. Illi hlief ghal xhud wiehed, meta gew kondotti l-kontroezamijiet indikati fil-paragrafu precedenti, ix-xhieda kienu jinghataw id-debita twissija li setghu ma jwigbux jekk kien jhossu li ser jinkriminaw lilhom infushom, (ara fol 21 u fol 95), u dan, anke fil-kaz tal-perit Andrew Zammit, missier l-artikolista konvenut inkriminat, li effettivament kien "Chairman" tal-PAPB mill-bidu tal-1990", (ara fol 22);

"6. Illi jirrizulta li fl-istess investigazzjoni dan il-perit Andrew Zammit fuq indikat jidher li nonostante li kien ic-"Chairman" tal-PAPB, kien ukoll bhala perit indipendenti, iffirma l-applikazzjoni ghall-izvilupp ikkoncernat li pproceda fuqha fil-kwalita` l-ohra ufficcjali tieghu indikata; (ara fol 22), u bhala Chairman tal-istess, kien iddecieda dwar l-applikazzjoni, (ara fol 40);

"7. Illi ghalhekk l-attur Azzopardi bil-qawwa jichad l-allegazzjoni serja li bhala "Chairman" tal-Kummissjoni *de quo*, kien hu li issa kiser u njora l-principji ta' gustizzja naturali;

"8. Illi di piu`, jichad ukoll li l-Kummissjoni *de quo* immexxija minnu kienet semghet xhieda ta' naha wahda biss li kienet involuta fil-kwistjoni, (ara fol 22);

"9. Illi fl-ahharnett il-konvenut ihossu wkoll umiljat meta qed jigi allegat mill-attur li l-Kummissjoni *de quo* ma mxietx fuq l-istruzzjonijiet mahruga minnha stess ghal kawzi in dizamina, li jobbligawha tinforma lil kull min ikun qed jigi minnha ndagat u tippermettilhom ikunu prezenti fil-proceduri minnha kondotti u dan, ghas-segwenti ragunijiet:

"i. Illi l-figura tal-perit Andre` u Ian Zammit ma kinitx rilevanti fil-bidu tal-procedura u ffigurat fi stadju tardiv;

"ii. Illi meta hekk iffiguraw, il-periti *de quo* kienu msejjhin regolarment bhal kull indagat iehor, fejn inghataw l-opportunita` jiddeponu, gew konfrontati bi provi f'idejn il-Kummissjoni u nghataw kull opportunita` skont il-ligi li jitkellmu bl-aktar mod ezawrijenti, (ara fol 23);

"iii. Illi meta l-istess periti ndikati fil-paragrafu precedenti ssejjhu quddiem l-istess Kummissjoni biex jiddeponu, dawn jidher li kienu debitament infurmati b'dak li kien qed jigi addebitat fil-konfront taghhom, (ara fol 24);

"iv. Illi kif jirrizulta mix-xhieda ta' Dr Carmelo Testa, membru tal-Kummissjoni, kull min ikun avzat biex jidher quddiem din il-Kummissjoni seta' jkun assistit minn avukat;

"v. Illi effettivament, il-PAPB kien ikun rapprezentat minn avukat;

"vi. Illi l-perit Andre` Zammit kellu kull opportunita` jiddefendi lilu nnifsu kif ukoll li jipprezenta l-provi tieghu, (ara fol 40);

"vii. Illi r-rizultanza nkriminanti li avverat ruhha wara l-investigazzjoni tal-Kummissjoni *de quo* kienet li l-istess Chairman tal-PAPB awtorizza l-hrug ta' permess ghall-izvilupp fuq applikazzjoni ffirmata minnu stess fil-kapacita` tieghu ta' perit arkitett indipendenti, (ara fol 48 u fol 100);

"Ikkunsidrat:

"Illi skont il-konvenut Zammit, il-fatti li jirrizultaw huma s-segwenti:

"1. Illi effettivament, meta kien imsejjah bhala xhud quddiem il-Kumissjoni *de quo* hu kien moghti d-debita twissija u kien ukoll infurmat li seta' jkun assistit minn avukat, (ara fol 422);

"2. Illi l-istess konvenut baqa' jsostni s-sens tal-kitba tieghu fl-artikolu ppubblikat fil-25 ta' Lulju, 1999, meta hu ddepona fl-atti ta' din il-procedura f'Jannar, 2012, (ara fol 422);

"3. Illi l-istess konvenut ikkonferma li l-istess drittijiet lilu moghtija mill-Kummissjoni *de quo* li ma jwegibx jekk ihoss li seta' jinkrimina lilu nnifsu u li jkun assistit minn avukat inghataw ukoll lill-papa` tieghu il-perit Andre` Zammit, (ara fol 86 u 423);

"4. Illi jikkonferma wkoll li wara d-decizjoni tal-imsemmija Kummissjoni l-istess konvenut kien intavola lmenti mal-MEPA fil-konfront ta' president tal-istess Kummissjoni, l-attur odjern, bhala ritaljazzjoni, (ara fol 423);

"5. Illi l-konvenut isostni li l-Kummissjoni *de quo* sabet lill-papa` tieghu hati ta' korruzzjoni li jixtieq li qabel ma jmut tigi rtirata, (ara fol 428), ghalkemm l-Avukat Generali kkoncenat kien iddecieda li ma kien hemm l-ebda bazi ghal azzjoni kriminali, (ara fol 424), haga li verament din il-qorti ma fehmitx);

"6. Illi skont l-istess konvenut, il-papa` tieghu kien misjub hati minghajr ma gie mixli, (ara fol 424);

"Ikkunsidrat:

"Illi jirrizulta li l-artikolu in dizamina nkiteb b'rizultat tal-orgolju ferut tal-konvenut inkriminat wara li hass li l-papa` tieghu kien gie misjub hati ta' xi agir minghajr ma qabel
kien regolarment mixli biex b'hekk ikun jista' jiddefendi lilu nnifsu;

"Illi pero` ghandu mill-ewwel jinghad li tali konkluzjoni tal-konvenut hi rizultat tal-fatt li la fehem il-procedura adoperata u wisq anqas l-azzjoni intrapriza minnu;

"Ikkunsidrat:

"Illi in sostenn tat-tezi tieghu il-konvenut isostni l-verita` tal-fatti u allura, il-kritika minnu vantata hi wahda gusta u effettivament tikkostitwixxi kumment gust fuq materja ta' nteress pubbliku;

"Ikkunsidrat:

"Illi effettivament din il-qorti taqbel mal-konvenut li din hi vertenza verament ta' interess pubbliku li ghandha tigi epurata bl-aktar mod trasparenti ghaliex hawn si tratta ta' ezami ta' agir ta' ufficcjal pubbliku li jidher li ma kellux idea felici tal-limiti tal-azzjonijiet tieghu fir-rigward tal-kariga li kien jokkupa;

"Illi fir-realta` attwali ta' pajjizna, dan il-limitu hu ghalhekk materja ta' nteress pubbliku kbir;

"Illi jirrizulta mill-fatti kif fuq sintetikament esposti li l-operat tal-Kummissjoni Permanenti Kontra l-Korruzzjoni fil-kaz in dizamina kien li tesplora r-raguni ghaliex inhareg permess partikolari fejn, fl-

epurazzjoni tal-istess irrizulta li l-perit li ffirma l-applikazzjoni ghall-istess, kien proprju c-Chairman tal-PAPB li f'dak iz-zmien kienet l-entita` responsabbli mill-oghti ta' tali permessi;

"Illi stabbilit dan, ghandu jkun pacifiku li tali agir mhux biss hu tassew repunjanti, izda zgur li m'ghandux jigi avallat mill-istituzzjoni gudizzjarja li issa hi kolpita bil-vertenza *de quo*;

"Ikkunsidrat:

"Illi l-lanjanza pendenti tirrigwarda l-ittra miktuba mill-konvenut Zammit fil-gurnal *de quo* datata l-25 ta' Lulju,1999, intitolata "*Development at Mongur Street, Gharb*";

"Illi fl-istess ittra l-awtur konvenut irrefera ghas-segwenti:

"i. Illi l-Kummissjoni *de quo* tifhem fil-"*cows (and bull)";*

"ii. Illi l-hsara sofferta bl-izvilupp li l-applikazzjoni ghaliha kienet iffirmata mill-papa` tal-awtur konvenut u mahrug mal-istess firmatarju ta' din l-applikazzjoni wkoll bhala *Chairman* tal-PAPB kienet biss rilevanti ghall-baqar – qisu l-ordinament guridiku Malti ma giex sfaccjatament raggirat b'tali azzjoni tal-ufficcjal pubbliku *de quo*;

"iii. Illi l-persuni kollha minnu ndikati fl-istess tielet (3) paragrafu tieghu kienu gew innocentement imkaxkra fl-istess kwistjoni – haga li mill-atti ma tirrizultax;

"iv. Illi *di piu`,* il-Kummissjoni in dizamina ramiet il-bahar il-principji tal-gustizzja naturali – liema principji ma jirrizultawx li huma l-forte tal-konvenut;

"Ikkunsidrat:

"Illi ghalhekk, mill-ezami tal-fatti kif jirrizultaw fil-procedura odjerna li sfortunatament hadet dan iz-zmien kollu biex tigi rizolta u li ta' dan, din il-qorti kif preseduta tiskuza ruhha mal-partijiet, l-allegazzjonijiet tal-konvenut ma jirrizultawx ipprovati;

"Illi minflok jirrizulta assodat li kif komposta fil-kaz in dizamina, il-Kummissjoni *de quo* kienet sensittiva bizzejjed mhux biss biex tassigura d-drittijiet tal-indagati minnha fid-dawl tal-principji tal-gustizzja naturali kif lamentat mill-artikolist konvenut, izda kienet anke sensittiva fir-rigward tal-protezzjoni tad-drittijiet fundamentali tal-istess;

"Ikkunsidrat:

"Illi ghal dak li ghandu x'jaqsam ghall-lingwagg uzat mill-istess artikolist konvenut meta ghazel li jirreferi u jipparaguna lill-istess

Kummissjoni mal-barrin minnu hemm riferiti ghandu jinghad is-segwenti:

“1. Illi tali referenza fil-lingwa Ingliza hi ntiza li tkun despreggjattiva kif tirrizulta li l-kitba kienet kemm fit-ton, kif ukoll fil-lingwagg, fil-konfront tal-membri tal-imsemmija Kummissjoni;

“2. Illi ghandu jinghad li ghalkemm il-liberta` tal-esprezzjoni hi principju kardini tal-Istat u hu ntimament korrelat mal-principju tad-demokrazija, fl-istess hin dan il-principju hu dejjem korrelat ma’ principji fondamentali ohrajn li jittutelaw il-persuna, fejn allura:

> “… le varie sfere giuridiche devono di necessita` limitarsi reciprocamente perche` possano coesistere nell’ordinata cenvivenza civile”, (Corte cost, 1/1956);

“3. Illi l-buon kostum jirrikjedi espressjoni lingwistika prudenti specjalment fejn si tratta l-operat pubbliku ta’ persuna li implicitament ma tantx hi f’pozizzjoni li tidddefendi lilha nnifisha – bhal ma hu l-kaz in dizamina – fejn effettivament kien wiehed biss, minn tlieta, li ghazel li jintraprendi t-triq tal-kontestazzjoni;

“4. Illi li artikolista konvenut jekwipara x-xoghol quasi gudizzjarju tal-attur mal-attribuzzjoni bovina minnu ndirizzata xejn ma tawspika favur il-konvenut, stante llingwagg maghzul iservi biss biex tiskredita lil min jiktbu u mhux min jissubieh;

“5. Illi ghalhekk tali referenza hi meqjusa li toffendi s-sensibilita` tal-bniedem komuni li jirrespingi d-diffusjoni ta’ tali lingwagg gratwitament aggressiv u denigranti f’gazzetta ta’ tiratura nazzjonali fejn il-hsieb tieghu seta’ facilment jigi espress mod iehor minghajr ma joffendi;

“6. Illi ghalkemm saret moda xejn xierqa li l-liberta` tal-espressjoni tigi sbandjerata f’kull kantuniera – meta wiehed hekk jaqbillu – ghandu hawn wkoll ikun pacifiku li hu gust u anke inevitabbli, li dan id-dritt ikun kontrastat bid-drittijiet ohra li jattiraw l-istess livell ta’ protezzjoni biex jippermettu t-tutela effettiva tal-integrita` tas-suggett hekk attakkat;

“7. Illi hu ta’ min jissottolinea li l-liberta` tal-esprezzjoni, gid essenzjali ghar-realizzazzjoni tal-individwu f’socjeta` demokratika governata unikament mis-saltna tad-dritt u mhux minn interessi privati hafna drabi okkulti u ovvjament b’finalita` finanzjarja, testendi biss sakemm tiskontra ma’ dritt jew interess iehor legittimu ugwalment sancit mill-Kostituzzjoni u mill-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem, li allura implicitament hi ta’ livell ugwali tad-dritt rikjamat mill-konvenut inkriminat:

“8. Illi kif irriteniet il-Qorti tal-Appell f’Sammut v. Caruana Galizia et tad-9 ta’ Jannar, 2008:

> "Il-ligijiet jaffermaw b'rilevanza t-tutela tal-persuna, kemm bhala singolu, kif ukoll bhala komponenti fil-formazzjoni socjali u personali li fih jesplika l-personalita` tieghu. Din it-tutela b'fundament Kostituzzjonali u Konvenzjonali, hi diretta ghall-harsien unitarju ta' l-immagini, l-isem, l-unur u r-reputazzjoni tal-persuna. Pari passu ma' din it-tutela hemm, imbghad, id-dritt ta' l-espressjoni libera li hu wkoll fundamentali";

"9. Illi l-fatti in dizamina jindikaw li l-uniku xewqa li l-awtur konvenut xtaq li jindirizza u li jilhaq kienet li jattakka din il-Kummissjoni li skont hu hammret wicc missieru nonostante li dan skont il-konvenut, jirrizulta li fil-professjoni twila tieghu dejjem agixxa bi proprjeta`;

"10. Illi l-istorja personali in dizamina hi ghal kollox newtra fil-kaz in dizamina li effettivament jillimita ruhu ghall-attakk indirizzat mill-konvenut lejn il-Kummissjoni, liema attakk tant indirizza r-ruh tal-operat tal-ezistenza innata tal-istess, li l-attur ghall-kuntrarju tal-kollegi tieghu, hass li ma setax ihalli tali attakk jghaddi fis-silenzju;

"Ikkunsidrat:

"Illi effettivament hawn *si tratta* ta' akkuza serja fejn funzjonarju b'responsabilita` gudizzjarja u kwazi gudizzjarja gie attakkat b'lingwagg spregevoli proprju fl-operat li hu stess irid jassigura b'limpidezza – haga li l-attur ovvjament ma setax jittollera;

"Illi l-indirizz in dizamina mhux addebitat lil xi *homo pubblicus*, bhal xi politiku inkallit bhal Haider fejn l-istess Qorti Ewropea in materja ipprotegiet lill-gurnalist ghall-insult tieghu indirizzat lil dan il-politiku neo-nazzist anke peress dan l-insult seta' ghen fl-isvolgiment tad-dibattitu politiku li jrid jigi tutelat, (**Oberschlick**: numru 2, datat 1 ta' Lulju, 1997);

"Ikkunsidrat:

"Illi l-konvenut jirrileva li l-artikolu tieghu mhux libelluz ghaliex l-attur mhux imsemmi fl-istess artikolu tieghu u ghalhekk mhux identifikabbli;

"Illi f'dan ir-rigward il-konvenut hu palezement zbaljat;

"Illi l-kaz li primarjament ta' lok ghas-saga gudizzjarja in dizamina kien wiehed li origina fl-Gharb, Ghawdex, u kondott minn Tribunal imwaqqaf appozitament fit-termini tal-Kummissjoni Permanenti Kontra l-Korruzzjoni, struttura li *per ipotesi* tattira l-attenzjoni tal-popolazzjoni lokali – sensittiva kif inhi fuq kwistjonijiet ta' tali stezura;

"Illi t-tribunal *de quo* kien kompost mill-attur bhala l-president tieghu u b'avukat prattikanti u iehor irtirat bhala membri;

"Illi fir-realta` lokali, xejn ta' din ix-xorta ma jghaddi fis-silenzju, anke jekk l-operat tal-Kummissjoni *de quo* hu wiehed kunfidenzjali;

“Illi ghalhekk tali kunfidenzjalita` f’tali operat ma tistax tigi uzata biex tippermetti attakki skonsiderati fuq min b’umilta` qed jaqdi d-doveri tieghu;

“Illi *in oltre*, ghalkemm l-attur ma giex individwat, pero` kien hemm indizji bizzejjed fl-artikolu in dizamina li wiehed seta’ facilment jasal ghall-individwazzjoni tal-persuni involuti;

“Ikkunsidrat:

“Illi l-konvenut inkriminat jissottolinea li l-artikolu tieghu in dizamina ghandu jigi tutelat ghaliex hu kien qieghed biss jesponi l-fatti reali riskontrati u jikkummenta b’mod gust fir-rigward;

“Illi r-rizultanzi in atti pero` ma jissufragawhx;

“Illi in effetti l-ksur minnu allegat tal-principji tal-gustizzja naturali ma jirrizultax;

“Illi minflok jirrizulta l-oppost fejn – ghall-anqas tnejn minn tlett (3) membri tal-Kummissjoni jirrizultaw li fil-perjodu kienu gia` professjonisti ta’ esperjenza – wiehed addirittura Avukat Generali rtirat;

“Illi *di piu`*, jirrizulta assodat li tul investigazzjoni minnu kondotta, it-Tribunal *de quo* dejjem assigura d-drittijiet kollha lill-persuni li dehru quddiemu, sahansitra anke bis-suffragju ta’ professjonisti legali anke *di grido*, fejn wiehed minnhom anke spicca gudikant fl-oghla qorti Ewropea rigwardanti d-drittijiet sollevati mill-awtur konvenut inkriminat;

“Illi ghalhekk ghandu jkun pacifiku li dak allegat mill-awtur inkriminat mhux minnu, anzi r-rizultanzi processwali mhux biss ma jissufragawx anzi, jixluh;

“Illi ghall-grazzja tal-korrettezza, dawn ir-rizultanzi jonqsu wkoll li jissufragaw il-fatt li l-awtur konvenut sostanzjalment ipprova l-fatti in dizamina;

“Illi li effettivament jirrizulta hu li d-drittijiet kollha tal-intervistati u tal-indagati, inkluz il-papa` tal-artikolista *de quo* gew debitament tutelati kif anke jirrizulta mill-atti processwali tal-istess Tribunal;

“Ikkunsidrat:

“Illi rigward id-difiza tal-awtur konvenut li hu kien biss qed jirrepeti l-fatti u jikkummenta b’mod gust fir-rigward ghandu jinghad is-segwenti:

“1. Illi f’dan ir-rigward issir referenza ghal Miller v. Scorey, Vol XXXVI.IV.p.843 fejn gie stabbilit:

> "… il-fatt ghandu jigi ppruvat. Il-"comment" biex ikun gustifikat irid ikun "*fair and bona fide"* u ma jistax ikun "*fair and bona fide*" jekk il-fatt attribwit ma jkunx veru";

"2. Illi in effetti l-ittra tieghu in dizamina ma tirriflettix dak li effettivament sehh fl-epurazzjoni tal-investigazzjoni kondotta mill-Kummissjoni Permanenti in dizamina;

"3. Illi l-awtur konvenut jidher li kien taht l-impressjoni li l-istess Kummissjoni ipprosegwiet b'mod brusk u spiccjattiv minn fuq il-persuni ndagati meta dan effettivament ma jirrizultax, kif fuq gia` riferit;

"4. Illi konsegwentement, kwaunkwe kumment li l-istess awtur seta' jislet mir-rizultanzi kif interprethom hu qatt ma setghu jilhqu l-livell ta' kumment gust stante li l-premessa inizzjali tieghu kienet allura erronea;

"5. Illi kif gie emfasizzat mill-Qorti Ewropea *de quo* f'Obershlick v. Austria (II), 1997:

"A careful distinction needs to be made between facts and value judgements. The existence of facts can be demonstrated, whereas the truth of value judgements is not susceptible to proof";

"6. Illi kif fuq espost, il-fatti kif elenkati mill-artikolist konvenut ma jirriflettux dak li verament sehh u konsegwentement, kwalunkwe kumment naxxenti minn tali analizi erroneu qatt ma jista' jigi tutelat mill-protezzjoni legali minnu hawn ezortata;

"Ikkunsidrat:

"Illi rigward id-difiza tal-awtur konvenut li l-artikolu tieghu mhux libelluz ghaliex l-attur indirizzat fl-imsemmi artikolu mhux facilment identifikat, jinghad sintetikament is-segwenti:

"Illi kif isostni l-Gatley, "*On Libel and Slander*", Edizzjoni Numru 8, 1981, p. 280 *et sequitur,* f'dan il-kaz hekk sollevat:

> "The question is whether the libel designates the plaintiff in such a way as to those who know him understand he was the person meant … if in the opinion of the jury a substantial number of persons who knew the plaintiff on reading the article would believe that it refers to him", (emfasi tal-Qorti);

"Illi fil-kaz in kwistjoni l-membri tal-Kummissjoni in dizamina huma numru ezigwu li l-bicca l-kbira ta' dawk kollha li joperaw fil-professjoni legali jafu ben tajjeb min huma;

"Illi ghalhekk, kuntrarju ghal dak ritenut mill-awtur konvenut jirrizulta li effettivament l-attur hu facilment identifikabbli;

> "Ikkunsidrat:
>
> "Illi finalment tenut kont tas-suespost, ghandu jinghad ukoll li mill-assjem kollu fuq sintetikament espost jirrizulta li fil-kontribuzzjoni gurnalistika tieghu l-awtur konvenut jittradixxi animu malafamanti u ta' tpattija ndirizzata fid-direzzjoni tal-attur, molto piu`, meta jirrizulta assodat li l-istess konvenut kien ukoll intavola rapport mal-awtoritajiet edilizji tal-pajjiz fil-konfront tal-attur odjern li eventwalment irrizulta wkoll li kien falz;
>
> "Illi jirrizulta assodat mir-rizultanzi processwali li l-istess konvenut intraprenda din it-triq bhala ritaljazzjoni ghall-procedura minnu mmexxija fejn il-papa` tieghu inkixef li abbuza mill-pozizzjoni ufficcjali tieghu;"

Rat ir-rikors tal-appell tal-konvenut Ian Zammit li permezz tieghu u ghar-ragunijiet minnu premessi talab li din il-Qorti joghgobha tirrevoka s-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili tal-21 ta' Marzu, 2013, fl-ismijiet premessi, billi tichad it-talbiet attrici, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-attur appellat,

Rat ir-risposta tal-attur appellat li permezz taghha u ghar-ragunijiet hemm imsemmija jishaq li l-appell interpost mill-konvenut appellant huwa wiehed frivolu u vessatorju.

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet waqt is-seduta tas-17 ta' Ottubru, 2017.

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti.

Ikkonsidrat:

Illi din hi kawza ta' malafama wara li l-konvenut kiteb artikolu ntitolat "*Development at Mongur Street, Gharb*", li deher fil-harga tal-gazzetta "*The Malta Independent on Sunday*", fil-25 ta' Lulju, 1999. F'dan l-artikolu ssir kritika tal-proceduri li kienu ghaddejjin quddiem il-Kummissjoni Permanenti kontra l-Korruzzjoni (minn hawn 'il quddiem imsejha "l-Kummissjoni"), li taghha l-attur appellat kien Chairman Surrogat, in kwantu jinghad li gew injorati l-principji ta' gustizzja naturali meta naqsu milli jintervistaw numru ta' xhieda, naqsu milli jinformaw lill-individwi li kienu qeghdin jigu investigati, u li dawn ikunu prezenti tul il-proceduri sabiex jaghmlu l-kontro-ezami tax-xhieda u jipprezentaw dawk il-provi li jidhrilhom xierqa. L-ewwel Qorti ddecidiet il-kawza favur l-attur u kkundannat lill-konvenut ihallas €2000, in linea ta' danni, flimkien mal-ispejjez tal-kawza wara li qieset li l-konvenut ma rnexxielux jipprova l-fatti allegati minnu u adopera lingwagg mhux xieraq, apparti li wera mgieba negattiva fil-konfront tal-attur meta ntavola rapport fil-konfront tal-istess attur li ma rrizultax li kien veritier.

Il-konvenut appellant ressaq l-appell mis-sentenza in kwistjoni u sejjes l-appell tieghu fuq zewg aggravji: li l-ewwel Qorti ma kinitx korretta fl-evalwazzjoni tal-fatti u fil-konsiderazzjonijiet legali taghha.

In kwantu ghall-ewwel aggravju, il-konvenut appellant jilmenta, li l-ewwel Qorti accettat ghal kollox, ix-xhieda tal-attur u skartat jew ma kkonsidratx sew, il-provi mressqa minnu, anke meta l-fatti rizultanti mill-

atti jikkontradicu l-lanjanzi tal-attur. Il-punt principali li dwaru l-attur hassu malafamat kienet is-sentenza "*…the Commission jettisioned the principles of natural justice and only heard evidence presented by the lawyers of the Agius brothers*", liema allegazzjoni l-ewwel Qorti qieset bhala skorretta. Il-konvenut appellant jishaq li ghalkemm missieru deher quddiem il-Kummissjoni bhala xhud, u li tabilhaqq li kien informat bid-drittijiet tieghu bhala xhud li huwa jista' jaghzel li ma jwegibx jekk ir-risposta tista' tinkriminah u li jista' jkun assistit minn avukat, huwa qatt ma gie mgharraf li huwa kien qieghed jigi investigat jew akkuzat. Jinghad li l-perit Andre´ Zammit gie mharrek lejn l-ahhar tal-proceduri sabiex jixhed u qatt ma nghata l-opportunità li jassisti ghax-xhieda li tressqet fil-konfront tieghu u li jirribatti l-istess xhieda permezz ta' kontro-ezami jew xhieda ohra, b'hekk ma jista' qatt jifhem kif instab hati li "*kkommetta atti ta' korruzzjoni*". Il-konvenut appellant jinsisti li l-fatt li l-perit Andre´ Zammit tressaq bhala xhud u nghata l-opportunità li jaghti x-xhieda tieghu fil-konfront ta' dak li kien qieghed jinghad fuqu, minghajr ma gie informat li kien qieghed jigi ndagat u minghajr ma nghata l-opportunità li jkun prezenti waqt il-proceduri kollha, immina c-cans tieghu li jiddefendi ruhu b'mod xieraq.

Trattat l-ilment principali tal-konvenut appellant, jinhass opportun li in tema legali dwar il-malafama ssir referenza ghall-kawza fl-ismijiet **Brent Walker Group plc v. Time Out Ltd** [1991] 2 QB 33 deciza mill-Qorti tal-Appell Ingliza, fejn intqal minn Bingham LJ is-segwenti:

> "*The civil law of libel is primarily concerned to provide redress for those who are the subject of false and defamatory factual publications. Thus, in the simplest case A will be entitled to relief against B if B publishes a defamatory factual statement concerning A which B cannot show to be true. The law is not primarily concerned to provide redress for those who are the subject of disparaging expressions of opinion, and freedom of opinion is (subject to necessary restrictions) a basic democratic right. It is, however, plain that certain statements which might on their face appear to be expressions of opinion (as where, for example, a person is described as untrustworthy, unprincipled, lascivious or cruel) contain within themselves defamatory suggestions of a factual nature. Thus, the law has developed the rule already mentioned that comment may only be defended as fair if it is comment on facts (meaning true facts) stated or sufficiently indicated. Failing that, the comment itself must be justified*".

Issa applikati dawn il-principji ghall-kaz in ezami, mill-procedura kif tirrizulta mill-Konferenza Stampa tat-8 ta' Novembru, 1993, stabbilita mill-Kummissjoni, li hija korp kostitwit insindakabbli, l-iskop taghha huwa li tistharreg allegazzjonijiet maghmula li jimplikaw ufficjal pubbliku jew korp governattiv f'att ta' korruzzjoni. Kwindi tishaq l-importanza li tmexxi l-investigazzjonijiet taghha skont il-principji tal-gustizzja naturali (principju li jinsab kodifikat fl-Artikolu 9(2) tal-Kap. 326 tal-Ligijiet ta' Malta – l-Att dwar il-Kummissjoni Permanenti kontra l-Korruzzjoni), fosthom li topera fil-miftuh, li tadotta proceduri trasparenti u li tikseb bilanc bejn il-bzonn tal-pubbliku li jkun jaf x'qed jigri u d-dritt tal-privatezza tac-cittadin, billi filwaqt li taghmel l-investigazzjoni taghha fil-privat, taghti access shih lil min ikun involut. Kwindi l-procedura li *inter alia* l-Kummissjoni stqarret li hija tadotta hija s-segwenti:

> "*1.* ***Min ikun qed jigi nvestigat jigi nfurmat b'dan mill-bidu u moghti l-fakolta li jattendi ghas-seduti li fihom jingabru x-xiehda jew personalment jew permezz ta' rapprezentant tieghu u li jkun***

> ***assistit minn avukat jew persuna ta' fiducja. Huwa jkun jista' jaghmel domandi lix-xhieda li l-Kummissjoni jidrilha jkunu gusti u pertinenti;*"**. (enfasi u sottolinjar maghmul minn din il-Qorti)

Din il-procedura hija mahsuba sabiex jigi salvagwardat id-dritt ta' smiegh xieraq ta' kull min jigi investigat mill-Kummissjoni. Ma jirrizultax li l-perit Andre´ Zammit gie mgharraf li kien qieghed jigi investigat, sa mill-bidu tal-proceduri (ara x-xhieda tal-avukat Carmelo Testa u tal-avukat Joseph Schembri fuq mistoqsija diretta tal-ewwel Qorti f'dan is-sens) u b'hekk qatt ma nghata l-opportunità li jressaq il-provi li jidhirlu opportuni sabiex jiskolpa ruhu mill-akkuzi li saru fil-konfront tieghu. Mill-atti tirrizulta biss it-tahrika ta' xhieda li nharget fil-konfront tal-perit Andre´ Zammit. Huwa ritenut minn din il-Qorti li l-fatt li l-perit Andre´ Zammit inghata l-opportunità li jixhed quddiem il-Kummissjoni, u li gie konfrontat bl-allegazzjoni ta' korruzzjoni fil-hrug tal-permessi ghall-bini u b'numru ta' rizultanzi li ngabru quddiem il-Kummissjoni, ma jfissirx li l-principji ta' gustizzja naturali gew debitament osservati, jew li d-drittijiet tieghu gew imharsa b'mod xieraq, kif ikkonkludiet l-ewwel Qorti.

Meta wiehed jezamina l-atti, senjatament is-seduta li fiha ttiehdet ix-xhieda tal-perit Andre´ Zammit, ghalkemm huwa minnu li l-perit kien debitament imwissi bhala xhud li kellu dritt li ma jwegibx u li jigi assistit minn avukat, ma rrizultax li kien debitament infurmat mill-bidu tal-investigazzjoni li huwa kien suggett ghall-investigazzjoni tal-Kummissjoni. Kif lanqas ma jirrizulta li nghata l-fakoltà li jippartecipa fis-

seduti li fihom ingabret ix-xhieda, sabiex ikollu wkoll l-opportunità li jressaq domandi fil-konfront ta' xhieda li dehru quddiem il-Kummissjoni. Hekk ukoll jirrizulta li l-Kummissjoni strahet fuq certu asserzjonijiet maghmula minn Tarcisio Agius (li kien qieghed iressaq l-allegazzjonijiet in kwistjoni), li kienu ekwivalenti ghal *detto del detto,* minghajr ma saru l-verifiki opportuni mal-periti in kwistjoni (ara l-afffidavits tal-perit Joseph Dimech u tal-perit Teddy Busuttil f'dan ir-rigward). Dan kollu jmur kontra principju essenzjali ta' gustizzja naturali, dak ta' *audi alteram partem.*

Fis-sentenza importanti tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili, deciza fid-29 ta' Mejju, 1946, fil-kawza fl-ismijiet **Sammut v. Bell McCance**, (Kollez. Vol. XXXII.II.350), il-Qorti osservat hekk fuq din ir-regola:

> "*Ir-regola "audi alteram partem" ghandha tigi skrupolazament osservata, u l-partijiet ghandhom id-dritt li jkunu presenti fl-investigazzjonijiet li jaghmel il-delegat tal-Board, biex ikunu jistghu jikkontrollaw l-informazzjoni li jigu moghtija lil dak id-delegat ghall-finijiet ta' dik l-investigazzjoni. … Din ir-regola "audi alteram partem" hija regola ta' gustizzja naturali u bhala tali hija ta' interess pubbliku, u ghalhekk ma hix rinunzjabbli "per impliciter" billi jinghad illi kien hemm akkwijexxenza mill-parti li giet pregudikata bil-vjolazzjoni ta' dik ir-regola*".

Din il-Qorti tqis li proprju fil-bidu tal-proceduri kien ovvju ghall-membri tal-Kummissjoni li l-perit Andrè Zammit kien wiehed mill-persuni indagati, tant li c-*Chairman* tal-istess Kummissjoni, l-avukat Dr Albert Camilleri, astjena milli jisma' l-kaz minhabba l-parentela tieghu mal-istess Zammit u kien ghalhekk li gie appuntat bhala *Chairman* surrogat, l-attur appellat. Ghalhekk kellu jkun car, sa mill-bidu tal-proceduri

quddiem il-Kummissjoni, li l-perit Zammit kien wiehed mill-persuni li kien jehtieg li l-Kummissjoni tinvestiga dwaru.  Dan kellu jwassal sabiex il-perit Andrè Zammit jigi mgharraf minnufih li kien qieghed jigi investigat mill-Kummissjoni.  Dan ifisser li din il-Qorti ma taqbilx ma' dak li nghad mill-attur appellat meta jghid li l-ilmenti fil-konfront tal-periti Zammit ma kienux daqstant relevanti fil-bidu tal-proceduri u li dawn irrizultaw fi stadju tardiv tal-proceduri.  Anke kieku dan kien minnu, darba li l-Kummissjoni bdiet tinvestiga lill-perit Zammit kellha obbligu li tavzah b'dan u taghtih l-opportunita' li, jekk irid, iressaq in kontro-ezami x-xhieda kollha li kienu gia nstemghu.

Ladarba mill-provi migbura fl-atti ma jirrizultax li l-perit Andre´ Zammit kien debitament mgharraf sa mill-bidu li kien suggett ghall-investigazzjoni, ma nghatax id-dritt li jkun prezenti sa mill-bidu tal-proceduri u li jkun prezenti ghas-seduti li fihom ingabret ix-xhieda, din il-Qorti ma tistax taqbel mal-konkluzjoni tal-ewwel Qorti.  Dan aktar u aktar meta wiehed iqis li fil-konkluzjoni tal-Kummissjoni kien ritenut li l-istess perit Zammit, flimkien ma' numru ta' ufficjali ohra, "*ikkommetta atti ta' korruzzjoni*", akkuza li ma gietx mgharrfa lilu u ma nghatax l-opportunità xierqa li jiddefendi ruhu mill-istess akkuza, kif titlob l-istess procedura esposta mill-Kummissjoni, kif citata qabel.

Dawn il-konsiderazzjonijiet wahedhom, iwasslu lil din il-Qorti ghall-konkluzjoni li l-appellant ghandu ragun fl-ewwel aggravju tieghu li l-

evalwazzjoni tal-provi maghmul mill-ewwel Qorti mhix wahda korretta u dan minghajr il-htiega li tidhol fil-mertu tal-proceduri quddiem l-istess Kummissjoni.

Din il-Qorti bl-ebda mod ma trid tinftiehem li qeghda tapprova l-prassi xejn ghaqlija li kienet tezisti dak iz-zmien, fejn ic-*Chairman* tal-PAPB (predecessur tal-Awtorità tal-Ippjanar) jithalla jmexxi prattika privata fl-istess waqt li jokkupa tali kariga, jew li jaghti *firma di favore* fuq applikazzjoni ghall-permess li eventwalment tigi approvata mill-istess Bord immexxi minnu (minkejja li jinghad li l-istess *Chairman* ma kienx jippartecipa fid-deliberazzjoni tal-hrug tal-permessi in kwistjoni), u li sussegwentement l-istess *Chairman* kellu jiffirma dawk il-pjanti u jittimbrahom minkejja li jkun astjena ruhu.

Madankollu lanqas ma jirrizulta li huwa minnu dak li jinghad mill-attur appellat fir-risposta tieghu li, b'referenza ghal pagna 42 tar-rapport tal-Kummissjoni, il-perit Andre´ Zammit ippartecipa fid-deliberazzjoni u approva l-pjanta riveduta in kwistjoni, sottomessa minn ibnu. Dan jinghad peress li minn ezami tal-istess rapport, l-ittri hemm citati huma mahruga minn Kumitat maghzul tal-Kamra tad-Deputati, u kien dan il-Kumitat li qabel li l-permess ghandu johrog fuq il-pjanta riveduta – dawn l-ittri wahedhom bl-ebda mod ma jipprovaw li l-perit Andre´Zammit kien partecipi fid-deliberazzjoni ghall-hrug tal-permess, kif jikkontendi l-attur appellat.

Tajjeb li jinghad ukoll li, kif muri mill-konvenut appellant, il-konkluzjoni tal-Kummissjoni qanqlet reazzjoni qawwija kwazi mill-ufficjali kollha li kienu msemmija fir-rapport taghha, (uhud minn dawn l-ufficjali bhall-perit Godwin Cassar, il-perit Joseph Falzon u l-perit Michael Falzon instabu hatja ta' nuqqasijiet kbar, meta lanqas biss issejhu sabiex jidhru u jixhdu quddiem il-Kummissjoni u ohrajn bhall-perit Andre´ Zammit, li wkoll ma kienux mgharrfa li kienu qeghdin jigu investigati mill-istess Kummissjoni), tant li kollha b'mod jew iehor ikkritikaw il-konkluzjoni tal-istess Kummissjoni permezz ta' diversi artikli stampati fil-gazzetti lokali. Din ir-reazzjoni hija ezempju car tal-ezercizzju tad-dritt tal-libertà tal-espressjoni. Ghalkemm ta' min jghid ukoll li dan id-dritt fundamentali mhuwiex wiehed assolut u ghandu jigi ezercitat fil-parametri tar-rispett lejn id-dritt ta' terzi, inkluz ir-reputazzjoni u l-integrità taghhom. Tajjeb li jinghad li fost il-principji importanti huwa dak tal-bilanc bejn:

> "*il-bzonn li is-socjeta` demokratika jithalla spazju sufficjenti ghal-liberta` li wiehed jikkritika u li jsemmi l-opinjoni u l-gudizzju tieghu, mal-bzonn l-iehor, xejn anqas mehtieg, tad-difiza tar-reputazzjoni, l-unur, l-isem tajjeb, li kull persuna f'socjeta` demokratika ghandu kull dritt li jgawdi*". **(**ara **Vincent Borg v. Victor Camilleri et. –** deciza minn din il-Qorti fil-15 ta' Novembru 1994. - LXXVIII.II.I.372.).

Hekk ukoll fis-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili fil-kawza fl-ismijiet **Onor. Charles Buhagiar v. Ray Bugeja** deciza fid-19 ta' Jannar 1996 inghad li:

> "*Il-linja medjana fejn proprio id-dritt ta' espressjoni libera` teccedi dak ragonevoli u ghandha tigi punita, ghax issir minflok ksur tad-drittijiet ta' haddiehor; huwa proprio … ... fejn l-espressjoni tigi bbazata fuq fatti skorretti*".

Proprju fit-tieni aggravju tieghu, l-konvenut appellant, filwaqt li jesponi l-konsiderazzjonijiet ta' dritt, senjatament dwar id-dritt fundamentali tal-espressjoni libera garantit kemm mill-Kostituzzjoni u mill-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, jaghmel ukoll distinzjoni bejn fatti u kummenti (dak li l-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem issejjah *value judgements).* Jishaq li l-kritika tieghu fil-konfront tal-Kummissjoni kienet ibbazata fuq u mibnija madwar fatti sostanzjalment veri, peress li fil-procedimenti quddiem il-Kummissjoni ma gewx osservati l-principji ta' gustizzja naturali.

Huwa ritenut li biex wiehed jirnexxi bid-difiza ta' "*fair comment*" mhux mehtieg li l-fatti jkunu veri fil-kompletezza taghhom, izda bizzejjed li jkunu sostanzjalment korretti. Kuncett li spiss gie trattat quddiem il-Qrati. Fis-sentenza fl-ismijiet **Emanuel Cuschieri v. Daphne Caruana Galizia**, deciza minn din il-Qorti fid-29 ta' Mejju, 2015, din il-Qorti qalet hekk fir-rigward:

> "*….kumment fuq fatt attribwit lill-attur ma jistax ikun "fair and bona fide" jekk ma jkunx veru*[1]*. Din hija wkoll il-posizzjoni tad-dottrina fuq il-materja:*
>
> "*The defendant does not have to convince the court that his opinions are correct or even reasonable, but the comments must be based upon true facts […….] [T]he defence is not available where a comment is based upon 'facts' which turn out to be incorrect—even where the comments have been made in the honest belief that they are true facts. The defence must prove that the facts commented on are substantially true. While in other respects fair comment is an easier defence for the media to make than justification, the*

[1] Ara **Reginald G. Miller v. Harold Scorey**, App. Krim. 8 ta' Novembru 1952, Vol. XXXVI-IV-843.

> *requirement that the true facts be proven on the basis of evidence that was available at the time of publication may be somewhat more challenging in the context of a particular story*".[2]

Fil-kuntest tal-kuncett ta' *value judgement,* dan hu ben spjegat fis-sentenza ta' din il-Qorti (Sede Inferjuri), fil-kawza fl-ismijiet **Anthony sive Ninu Zammit v. Dr Alfred Sant**, deciza fis-27 ta' April, 2016, fejn inghad:

> "*…fil-kaz Lindon. Otchakov.ky-Laurens and July deciz fit-22 ta' Ottubru 2007 mill-Grand Chamber tal-Qorti Ewropea ghad-Drittijiet tal-Bniedem*[3]*, intqal illi:*
>
> > "*…in order to assess the justification of an impugned statement, a distinction needs to be made between statements of fact and value judgments. While the existence of facts can be demonstrated, the truth of value judgments is not susceptible of proof. The requirement to prove the truth of a value judgment is impossible to fulfil and infringes freedom of opinion itself, which is a fundamental part of the right secured by Article 10. The classification of a statement as a fact or as a value judgment is a matter which in the first place falls within the margin of appreciation of the national authorities, in particular the domestic courts. <u>However, even where a statement amounts to a value judgment, there must exist a sufficient factual basis to support it, failing which it will be excessive</u>.*"
>
> "*Inghad ukoll fil-kaz fil-kaz fl-ismijiet Jerusalem v. Austria deciz fis-27 ta' Frar 2011 mill-Qorti Ewropea ghad-Drittijiet tal-Bniedem*[4] *-*
>
> > "*… even where a statement amounts to a value judgment, the proportionality of an interference may depend on whether there exists a sufficient factual basis for the impugned statement, since even a value judgment may be excessive if it has no factual basis to support it".*

Wara li din il-Qorti qieset kollox, ghalkemm l-istess artikolu jista' jitqies bhal wiehed iebes fil-konfront tal-Kummissjoni, irrizultalha li tabilhaqq jista' jinghad li l-kumment maghmul mill-konvenut appellant fir-rigward tan-nuqqas tal-Kummissjoni li timxi mal-principji ta' gustizzja naturali, kif

[2] D. Goldberg, G. Sutter and I. Walden (eds), Media Law and Practice, O.U.P. 2009, p. 406.
[3] App. Numri 21279/02 u 36448/02 para.55.
[4] App. Nru, 26958/95 para. 43

espost qabel, huwa wiehed imsejjes fuq fatti sostanzjalment veri u ma jistghax jinghad li l-kumment ma kienx wiehed li seta' legittimament isir fic-cirkostanzi. Wara kollox, kif inghad minn din il-Qorti fis-sentenza taghha tat-8 ta' Novembru 1995, fil-kawza fl-ismijiet **Mons. Anton Gauci v. Michael Schiavone et**:

> "*il-margini ta' tollerenza twessa', u mhux kull kumment qawwi u anki azzardat jikkwalifika bhala ingurja…fejn il-kritika tkun ibbazata fuq u mibnija madwar fatti li jkunu sostanzjalment veri. Il-Qorti ghandha tippermetti latitudini fil-kritika li tista' tkun mhux biss iebsa izda wkoll azzardata entro il-limiti accettati tad-dicenza permessibbli f'socjeta' demokratika*".

F'dan il-kaz ukoll, dak li gie rapportat mill-konvenut appellant huwa meqjus li kellu "*a sufficient basis in fact"* u konsegwentement din il-Qorti ma tarax kif l-azzjoni attrici ta' libell tista' tirnexxi.

Din il-Qorti lanqas ma taqbel li r-riferenza li saret ghall-"*cows and bulls*" kienet intiza li dawn jitqabblu mal-membri tal-Kummissjoni. Apparti l-fatt illi l-binja soggett tal-lanjanza quddiem il-Kummissjoni kienet tirrigwarda razzett tal-baqar, artikolu precedenti miktub mill-perit Michael Falzon kien intitolat "*Cows and Bulls Story*". Il-lanjanza originali ta' Tarcisio Agius quddiem il-Kummissjoni kienet appuntu illi l-binja adjacenti r-razzett tieghu (is-soggett tal-applikazzjoni) kienet qed tikkawza umdita' fir-razzett tieghu, u li din l-umdita' kienet qed tikkawza ugiegh fid-dahar tal-ghogiela tieghu. Ir-rapport kollu tal-Kummissjoni kien jitratta dwar din il-lanjanza u, ghalhekk, l-artikolu tal-appellant kien ikompli fuq dan is-suggett. Ma saret ebda insinwazzjoni fuq il-membri tal-Kummissjoni.

In kwantu l-episodju fejn il-konvenut appellant ghamel rapport mal-Awtorità tal-Ippjanar fil-konfront tal-attur appellat, din il-Qorti tqis tali episodju bhala totalment irrelevanti ghall-mertu ta' din il-kawza u ghalhekk ma ghandhiex tinoltra ruhha ulterjorment fuq dan il-punt.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi mill-appell interpost mill-konvenut Ian Zammit billi tilqa' l-istess, thassar u tirrevoka s-sentenza tal-ewwel Qorti tal-21 ta' Marzu, 2013, fl-ismijiet premessi u wara li tilqa' l-eccezzjonijiet tal-konvenut, tichad it-talbiet attrici.

Bl-ispejjez kollha kontra l-attur appellat.

| | | |
|---|---|---|
| Silvio Camilleri<br>Prim Imhallef | Tonio Mallia<br>Imhallef | Joseph Azzopardi<br>Imhallef |

Deputat Registratur
mb